

32006L0077

30.9.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 271/53

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/77/KE****tad-29 ta' Settembru 2006****li temenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar livelli massimi ta' komposti organokloriċi fl-għalf ta' l-annimali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar il-prodotti mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/32/KE tistipola li l-użu ta' prodotti li huma intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jaqbżu l-livelli massimi stipolati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva huwa pprojbit.
- (2) Meta d-Direttiva 2002/32/KE ġiet adottata, il-Kummissjoni ddikjarat li l-Anness I ta' dik id-Direttiva għandu jiġi rivedut fuq il-bażi ta' l-assessjar tar-riskju xjentifiku aġġornat u billi tittieħed in konsiderazzjoni l-projbizzjoni ta' kull dilwizzjoni ta' prodotti kkontaminati li mhumieq f'konformità li huma intenzjonati għall-għalf tal-bhejjem.
- (3) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (l-EFSA) adottat opinjoni rigward l-aldrin u d-diieldrin fid-9 ta' Novembru 2005 <sup>(2)</sup>.

(1) ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/13/KE (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 44).

(2) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata ma' l-aldrin u d-diieldrin bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf għall-bhejjem adottata fit-9 ta' Novembru 2005.  
[http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam\\_opinions/1251/contam\\_op\\_ej285\\_aldrinanddiieldrin\\_en1.pdf](http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/1251/contam_op_ej285_aldrinanddiieldrin_en1.pdf)

- (4) L-għalf tal-ħut li fih relattivament proporzjoni ogħla ta' żejt tal-ħut fil-formolazzjoni, instab li fih livelli sinifikanti ta' aldrin/diieldrin. Huwa għalhekk xieraq li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet eżistenti, ibbażati fuq il-konklużjonijiet ta' l-opinjoni xjentifika u d-*data* ta' monitoraġġ disponibbli.
- (5) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-EFSA adottat opinjoni relatata ma' l-endosulfan fl-20 ta' Ġunju 2005 <sup>(3)</sup>.
- (6) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' l-opinjoni xjentifika u d-*data* ta' monitoraġġ disponibbli, huwa xieraq li jiġi emendat il-livell massimu għall-endosulfan fiż-żejt tal-ħxejjex nej sabiex tiġi kkunsidrata sa ċertu punt il-konċentrazzjoni ta' l-endosulfan fiż-żejt tal-ħxejjex nej meta mqabbel mal-livell fiż-żejt taż-żrieragħ.
- (7) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-EFSA adottat opinjoni relatata mal-hexachlorocyclohexanes ( $\alpha$ ,  $\beta$ ,  $\gamma$  HCH) fl-4 ta' Lulju 2005 <sup>(4)</sup> u opinjoni dwar l-endrin fid-9 ta' Novembru 2005 <sup>(5)</sup>.
- (8) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' l-opinjoni xjentifiċi u d-*data* ta' monitoraġġ disponibbli, ebda modifika għall-livelli massimi eżistenti rigward il-hexachlorocyclohexanes u l-endrin, ma hi neċessarja.

(3) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata ma' l-endosulfan bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf għall-bhejjem adottata fit-20 ta' Ġunju 2005.

[http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam\\_opinions/1025/contam\\_op\\_ej234\\_endosulfan\\_en\\_updated21.pdf](http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/1025/contam_op_ej234_endosulfan_en_updated21.pdf)

(4) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-gamma-HCH u hexachlorocyclohexanes oħra bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf għall-bhejjem adottata fit-4 ta' Lulju 2005.

[http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam\\_opinions/1039/contam\\_op\\_ej250\\_hexachlorocyclohexanes\\_en2.pdf](http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/1039/contam_op_ej250_hexachlorocyclohexanes_en2.pdf)

(5) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata ma' l-endrin bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf għall-bhejjem adottata fit-9 ta' Novembru 2005.

[http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam\\_opinions/1252/contam\\_op\\_ej286\\_endrin\\_en1.pdf](http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/1252/contam_op_ej286_endrin_en1.pdf)

- (9) Rigward l-aldrin, id-dioldrin, il-chlordane, id-DDT, l-endrin, il-heptachlor, il-hexachlorobenzene u l-hexachlorocyclohexanes (HCH), it-terminu "xaħmijiet" għandu jiġi ssostitwit bit-termini "xaħmijiet u żjut" biex jindika b'mod ċar li x-xaħmijiet u ż-żjut kollha, inkluż ix-xaħam ta' l-annimali, iż-żjut tal-ħxejjex u ż-żejt tal-ħut, huma koperti.
- (10) Id-Direttiva 2002/32/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif suppost.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif stipolat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu f' konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard

minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u bit-tabella korrispondenti bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

Ir-ringieli 17 sa 26 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE huma hawnhekk sostitwiti b'dan li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f' mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal oġġett ta' l-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
17. Aldrin (*)	L-għalf kollu ħlief	0,01 (**)
18. Dieldrin (*)	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	0,1 (**)
	— l-għalf tal-ħut	0,02 (**)
19. Camphechlor (toxaphene) — somma ta' indikaturi ta' konġeneri CHB 26, 50 u 62 (***)	— Ħut, annimali akkwatiċi oħrajn, il-prodotti u l-prodotti sekondarji tagħhom bl-eċċezzjoni taż-żejt tal-ħuta	0,02
	— Żejt tal-ħuta (****)	0,2
	— Oġġetti ta' l-għalf għall-ħut (****)	0,05
20. Chlordane (total ta' iżomeri cis- u trans- u oxychlordane espressi bħala chlordane)	L-għalf kollu ħlief	0,02
	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	0,05
21. DDT (total ta' DDT-, TDE- u DDE-iżomeri, espressi bħala DDT)	L-għalf kollu ħlief	0,05
	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	0,5
22. Endosulfan (total ta' iżomeri alpha- u beta- u endosulfansulphate espressi bħala endosulfan)	L-għalf kollu ħlief	0,1
	— qamħirrum u prodotti tal-qamħirrum li ġejjin mill-ipproċessar tiegħu	0,2
	— żejt taż-żrieragħ u prodotti li ġejjin mill-ipproċessar tagħhom ħlief żejt tal-ħxejjex nej	0,5
	— żejt tal-ħxejjex nej	1,0
	— għalf komplet għall-ħut	0,005
23. Endrin (total ta' endrin u delta-ketoi-endrin, espressi bħala endrin)	L-għalf kollu ħlief	0,01
	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	0,05
24. Heptachlor (total ta' heptachlor u heptachlorepoide, espressi bħala heptachlor)	L-għalf kollu ħlief	0,01
	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	0,2
25. Hexachlorobenzene (HCB)	L-għalf kollu ħlief	0,01
	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	0,2
26. Hexachlorocyclohexane (HCH)		
26.1 alpha-isomers	L-għalf kollu ħlief	0,02
	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	0,2
26.2 beta-isomers	Materjali kollha ta' l-għalf ħlief	0,01
	— x-xaħmijiet u ż-żjut	0,1
	L-għalf kompost kollu ħlief	0,01
	— għalf kompost għall-bhejjem ta' l-ifrat għall-ħalib	0,005
26.3 gamma-isomers	L-għalf kollu ħlief	0,2
	— ix-xaħmijiet u ż-żjut	2,0

(\*) Waħedhom jew kombinati espressi bħala dieldrin

(\*\*) Livelli massimi ta' adrin u dieldrin, waħedhom jew kombinati, espressi bħala dieldrin.

(\*\*\*) Sistema ta' numri skond Parlar, bil-prefiss CHB jew 'Parlar':

- CHB 26: 2-endo, 3-exo, 5-endo, 6-exo, 8,8,10,10-octochlorobornane,
- CHB 50: 2-endo, 3-exo, 5-endo, 6-exo, 8,8,9,10,10-nonachlorobornane,
- CHB 62: 2,2,5,5,8,9,9,10,10-nonachlorobornane.

(\*\*\*\*) Il-livelli għandhom jiġu riveduti sal-31 ta' Diċembru 2007 bil-għan li jitnaqqsu l-livelli massimi."